KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 10/8/194/20

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 10

*L-Erbgħa 22 ta' April 2020*

Fid-dawl tal-miżuri marbuta mal-imxija tal-COVID-19, il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' b'mod virtwali permezz tal-pjattaforma "ZOOM" l-Erbgħa 22 ta' April 2020. Il-laqgħa kienet skedata għas-1.00pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima - *Sindku* |
| | Darren Lynch - *Viċi Sindku* |
| | Steven Axisa - *Kunsillier* |
| | Ivan Bartolo – *Kunsillier* |
| | Yvonne Arqueros - *Kunsilliera* |
| | Neville Camilleri – *Kunsillier* |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Rita Delezio - *Kunsilliera* |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

**1. Qari tal-ittri ta' apoloġija**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-kunsilliera Rita Delezio talbet sabiex tkun skużata minħabba impenji ta' xogħol. Il-membri qablu li tkun skużata.

**2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1. Il-Minuti nr. 09 ġew approvati *nem com.*

**3. Korrispondenza**

3.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-membri talba ta' rifużjoni għall-ħsara li sargħet fuq mutur wara li persuna kellha inċident kaġun ta' żrar li kien hemm fi Triq l-Irvellijiet. Il-membri iddiskutew il-każ fejn qalu li jidher li t-talba hija waħda anomala u għaldaqstant talbu li jinġieb parir legali dwar il-każ.

3.2. Korrispondenza mill-Perit li qed jirrappreżenta d-Dipartiment tal-Artijiet b'rabta max-xogħol li għandu isir fuq il-ħajt perikoluż li jagħti għal Triq il-Foss f'Casa Flamini. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi l-ħajt kollu tal-propjeta li tmiss ma' Triq il-Foss għandu jiġi klirjat sabiex isiru blokok tal-konkos li jagħtu is-saħħa lill-ħajt sakemm umbagħad isir ix-xogħol meħtieġ biex jiġi restawrat il-ħajt. Il-membri qablu li fid-dawl li l-parkeġġi tal-poliklinika ser jitneħħew dawn isiru aktar l-isfel.

**4. Rapporti Statutorji**

4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi fid-dawl tad-Direttiva 2/2020 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, Laqgħat Pubbliċi stipulati bl-Artiklu 70 m'għandomx isiru fid-dawl taċ-ċirkustanzi preżenti. Madankollu ir-rapport amministrattiv u l-pjan ta' ħidma għandhom xorta waħda jiġu preparati u approvati mill-Kunsilli Lokali u ppublikati online. Għaldaqstant, is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta dawn ir-rapporti u ġew approvati mill-membri.

Kunsill Lokali Paola

## 5. Covid-19

5.1. Is-Sindku talab lis-Segretarju jinforma lill-membri bix-xogħol li sar fl-uffiċju. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi saru boards tal-perspex mar-Reception, inxtraw maskli u sanitizers, kif ukoll impjegata minn tar-Reception qed taħdem mid-dar. Huwa kompla billi qal li filwaqt li saru dawn il-miżuri kif ukoll kontrolli tal-klijenti, ix-xogħol baqa' għaddej b'mod normali.

5.2. Is-Sindku xtaq jirrimarka illi b'rabta mal-miżuri tal-Covid-19 li kienu qed isiru minn Kunsilli Lokali oħra fejn fosthom bdew jitgħattew il-bankijiet, huwa qal li dan ma kienx jagħmel sens għall-lokalita tagħna hekk kif is-servizzi fil-pjazza baqgħu jingħataw u għaldaqstant ikun aħjar li min qed jistenna anke biex jirkeb tal-linja ikollu fejn ipoġġi u mhux jinġabar ġol-stage. Is-Sindku żied illi flimkien mal-bankijiet hemm ukoll ħafna blokok tal-konkrit kif ukoll it-taraġ taz-zuntier li wieħed jista' jispiċċa jużahom biex ipoġġu. Is-Sindku żied ma kien hemm l-ebda obbligu legali li isir dan.

5.3. Apparti min hekk kompla billi qal li kif il-membri kienu jafu, saru wkoll barikati fil-pjazza sabiex jiġi kontrollat il-kju. Huwa kompla billi irringrazzja lil Ministri tal-Intern Byron Camilleri illi sema it-talba sabiex tiżdied il-preżenza tal-pulizija fil-Pjazza.

## 6. Tagħlim tal-informatika

6.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi kienet twasslet fil-kunsill korrispondenza sabiex il-Kunsill jagħmel programm ta' tagħlim tal-informatika online issa li ħafna persuni qed iqattgħu ħafna ħin id-dar. Il-membri qablu li isir dan it-tagħlim kif ssuġġerit.

## 7. Komunikazzjoni mis-Sindku

7.1. Is-Sindku xtaq jinforma lill-membri illi flimkien mal-Kunsillier Camilleri kien qed isir ix-xogħol fuq l-ilmenti li kienu qed jaslu fil-Kunsill wara li l-kuntrattur kien biddel il-ħaddiema dedikati għal-lokalita tagħna wara bosta ilmenti ta' taħlit li kienu qed jidħlu. Huwa kompla li qed isir bosta xogħol mal-kuntrattur bl-għajnuna wkoll tal-contract manager u l-ħaddiema tal-kunsill sabiex tinstab soluzzjoni. Min-naħa l-oħra is-Sindku qal li billi hemm bosta nies fid-djar żdied ħafna l-ammont ta' skart kif ukoll l-abbużi fuq din il-materja. Talab ukoll sabiex ilmenti fuq dan is-suġġett għandom jaslu għand il-Kunsill u mhux jitpoġġew fuq paġni fuq facebook li m'humiex tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku tenna l-importanza li jiżdied l-infurzar tal-liġi fuq l-ambjent.

7.2. Fuq xogħolijiet infrastrutturali is-Sindku qal li fil-ġranet li ġejjin għandu jibda ix-xogħol fuq il-pont li ser jgħaqqad l-Mcast ma' Ġnien il-Mediterran hekk kif kien mitlub jattendi għal-laqgħat mal-Agenzija Infrastruttura Malta. Huwa informa lil membri illi għandu wkoll jitkompla ix-xogħol fit-toroq mill-istess aġenzija fosthom fi Triq il-Wied, Kurvetti u Sultana. Kompla billi qal ukoll li tkomplew il-laqgħat mal-Perit dwar il-proġetti l-ġodda u għadna qed nistenna li ssir *change-of-architect-form* tal-proġett tal-*Paola Wolves* mill-Perit preċedenti tal-Kunsill.

## 8. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

8.1. Il-Kunsillier Bartolo talab sabiex isiru motorcycle bays fi Triq il-Belt Valletta fejn id-Dar tal-Anzjani. Il-membri qablu li jekk dan jista' isir, isiru.

8.2. Il-Kunsilliera Arqueros xtaqet tappella sabiex fil-pjanti li qed isiru ta' Ġnien Pawlu Boffa it-teatru Grieg m'għandux jitneħħa. Dan jintuża mill-istudenti, għandu akustika tajba u ħasra jekk jitneħħa.

8.3. Il-Kunsilliera Arqueros xtaqet ukoll tagħti informazzjoni dwar il-kampanji ta' neutering u ikel, hekk kif tqassam l-ikel lil feeders tal-qtates reġistrati mal-Kunsill kif ukoll inxtraw il-gaġeġ sabiex jassistu fil-programm tan-neutering li beda wkoll. Kompliet li l-pass li jmiss ser ikun li isiru djar għall-qtates.

8.4. Il-Kunsilliera Arqueros xtaqet turi id-dispjaċir tagħha li l-applikazzjoni tal-Kunsill sabiex jiġi restawrati aktar niċeċ ma kienitx ġiet aċċettata.

8.5. Il-Viċi Sindku xtaq jistaqsi dwar il-proċess tal-parkeġġ quddiem id-djar fi Triq il-Foss. Is-Sindku qal li l-ilment tressaq lill-Awtorità ta' Trasport u qed nistennew risposta sabiex ix-xogħol ikun jista' isir.

8.6. Il-Kunsillier Camilleri kompla billi qal li ser jitkompla ix-xogħol fuq il-ġbir tal-iskart però żied li hemm bżonn li r-residenti jikkoperaw u ma jsirux abbużi. Kompla billi qal li issa ser nibdew il-ħidma fuq tenders il-ġodda tal-skart u l-knis.

## 9. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

9.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 10 għas-somma ta' €56,703.05.

Kunsill Lokali Paola

## 10. <u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss</u>

10.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-2:15pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 27 ta' Mejju 2020.

10.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 27 ta' Mejju 2020.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri | Dominic Grima |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |